


MAPPA TAL-MEDITERRAN

Antoine Cassar

Mappa tal-Mediterran © Antoine Cassar 2013

Qoxra u tipografija: Marco Scerri
Mapep ta' ġewwa: Rafael Rivera

Qari tal-provi: Leanne Ellul, Kit Azzopardi

ISBN 978-99959-31-14-8

Ħajr lill-*Għaqda tal-Malti – Università*


U lill-membri ta' Kelmet il-Malti għat-tagħrif
u d-diskussjoni siewja dwar ċerti kelmiet li
jidhru f'din il-poeżija.



Kif refa' kemm kemm geddumu
il-barri t'elf qarn ippizzjat
minn fuq l-ispalla
ta' reffiegħ is-smewwiet,
mill-Atlantiku, l-ewwel ħalla
girfet il-blat
b'difrejha melħin,
mat-tieni, minn xaqq u ieħor
żelqet l-ixkuma,
il-brajmla ruxxana kienet diġà
bis-sassla ta' munqarha għal-lest,
mat-tielet, tektika, skiet,
fuq wiċċ l-imramma tal-ġir
ix-xquq bil-qatra l-qatra
naqxu għanqbuta tleqq,
sakemm b'ġibda ta' minġel
il-qamar, ħurħara mill-qigħan,
u bis-saħħa ta' nofs oċean
infetħu bwieb il-baħar.

L-akbar kaskata
li ħadd qatt ma ra,
mewġa fuq
mewġa, fewġa
ġo fewġa, minn Ġibilterra
sa Gaża l-għadajjar
qodma tal-melħ
laqgħu bi tfexfix is-salmura,
kuljum biżżejjed biex tibla'
bejta, iljunfant pigmew,
bosk tar-rand, oażi,
għar, deżert, vulkan.
Baħar ġdid jiġġebbed
tiela' jraxxax
u jżiegħel
għonq il-barri, il-koxxa Etruska,
wiċċ iż-żagħżugħ ta' Kartaġni
ċass fuq l-irdum
lejn il-qċaċet jiċkienu gżejriet,
is-swaba' ta' Pelops
iċafċfu fiċ-ċagħak,
ħniek id-debba ħierġa
sparata mill-Anatolja.





Al-Bahr al-Abyad al-Mutawassit,
Mare Nostrum, Mesogeios,
Akdeniz, Hayyam Hattikhon,
ismijiet fuq ismijiet imlaħalħa
u maħsula
sal-ifnad xaqq tat-tlissin.
Bejniethom jiskula l-ilma,
tul l-għeliem kunejformi
tiżloq ir-ragħwa,
iġġelben mal-konsonanti mqawsa,
jikber minn trufhom il-qroll,
mit-toqob jgħaddu l-bonn
tas-sinsla mqabbża, il-lizz ta' Kreta,
kaħlija żonqrija, it-tonn
tax-xewka kaħla
jiżgiċċa t-tingiża tal-foxxna.

Il-Baħar tan-Nofs, skont imnejn tħares,
skont imnejn jonfoħ ir-riħ.
Liżar mitokondrijali
jitkemmex u jillixxa,
wara kull tiġrifa ta' rdum,
wara kull taħrika mill-qiegħ,
jibqa' dejjem għadu kemm tfassal
għall-ewwel darba bis-sħiħ.
Kif xebgħet tixrob il-brajmla,
ir-rix ta' fuq daharha tberfel b'qatgħa,
imnaffra mid-daħq imbaħbaħ
ta' ġgajta tfal jilagħbu
ħobża u sardina
qalb il-boċċi jiċċaqċqu tal-Eġew.





Fir-riħ isfel, fid-dell wiesa'
taż-żebbuġ imġiegħed,
fetu minn tulu,
rasu mserrħa fuq l-imħadda
ramlija tas-Sinaj,
bejn il-Marokk u l-Andalusija
ponot saqajh idawru
belligħat żgħar,
mill-kurdun miġbud
għad-dritt, jixrob il-bjuda siebra
tal-Alpi għadhom telgħin.
Huwa u jitniegħes
fl-iżraq tal-ġuf,
f'Korfù, żiemel tal-baħar
jagħraxlu żaqqu
b'denbu ċkejkun.



Riħ barra.
Nanna ħafja, b'ċulqana kaħla
u bixkilla mdendla
mill-bidu ta' driegħha,
fir-raded t'għelieqi ġodda
tmienja tmienja troxx
iż-żrieragħ tal-manna
tal-Mesopotamja u lil hinn:
kittien u xgħir, qamħ tal-ħobż
u qamħ tal-għalf, ċiċri
u piżelli, għads u ġulbien.
Attenta, nann! Int u miexja
tul l-artijiet
tal-minġel għammiel,
qis li ma tħallix
xi saba' mċarrat warajk.





Wara l-ħsad,
meta kiel u xeba' kulħadd,
in-nanna nissiela nsewha
u ħareġ minflokha l-profeta.
B'kappell imxaffar, il-leħja
ttemprata, ħuġbejh
miġbuda 'l fuq u subgħajh
imqawra ganċ,
ħarkien, bil-ħrara,
iħabbar il-bxajjar it-tajba
bi lsienu tal-lava.
Fis-sorra ta' ma' dahru,
tliet kotba, kull wieħed
eħxen mill-ieħor, itaqqlu
l-pass ta' riġlejh qosra
fuq l-art imqaddsa.

Riħ fuq, jonfoħ utiq
fil-qala' kartabun
tal-mirkeb ta' Knossos.
Xambekk jixpakka biż-żejt,
biż-żagħfran, biż-żingu,
jittrakka fl-Eġittu, jittrakka f'Kangħan,
minn suq għal suq iħott il-merċa
biex jgħabbi minflokha
l-ingotti tar-ram.
Fil-vjaġġ lura, bil-kaldarun tawwali
jtektek fuq il-poppa,
ras il-pruwa tqasqas l-ajru,
tħażżeż xefaq ġdid tal-bronż
ma jitgħattanx,
sakemm kaldarun ieħor, il-vulkan
ta' Thera żbroffa f'daqqa,
ix-xefaq qam f'ħalla, ilsien jismot,
u x-xambekk ta' Minos
bħal beżqa tkaxkar u xxewlaħ
għal ġol-irmied ta' taħt il-palazz.



Xmux u qmura nibtu
u għebu, il-Mediterran xegħel
u ntefa għal tliet millennji
u nofs, jilma
u jidlam, jilma
u jidlam, bħalkieku taħt l-iżbarri
ta' gaġġa ddur fil-wisa'.
Għaddejjin żigużajg minn bejniethom,
mid-dija għad-dell, mid-dell għad-dija,
ħolqa ħolqa jimmaljaw ix-xbiek
bir-rima żejtnija,
vapuri ta' kull daqs, kull sura,
f'kull direzzjoni, b'kull xorta
u kwalità ta' merċa
lil hawn mill-kwiekeb.
Minn Tanġier, minn Tuneż, minn Tripli,
merċa ġdida, orħos mill-uranju,
orħos miż-żejt, orħos mill-gass,
merċa ġdida, titla' waħedha
minn taħt it-twapet imqallba tar-ramel,
merċa ġdida, tinbiegħ waħedha,
mingħajr bżonn ta' riklami,
merċa ġdida, timxi u titkellem.








Dgħajsa b'kabina mgħaffġa, b'mutur
iqaħqaħ, bit-tmun maqlugħ,
b'merċa ġdida timxi
u titkellem, erba' mitt par riġlejn
mitwija kokka, erba' mitt par xufftejn
imnixxfa fir-raxx
li jaqta' u ma jaqtax.
Dgħajsa msewsa, bejn sema u ilma,
bejn imqajma u rieqda, bejn miexja
u wieqfa, riekba t-tamiet telgħin
u niżlin mat-timwiġ,
ma' kull qabża tal-pruwa
tonxor mix-xefaq
wegħda oħra lil tad-dar,
talba oħra lill-allat.





Xefaq wara xefaq wara xefaq
ix-xtajta moħluma
tfiġġ u tegħreq fid-dalma
ta' ħbub l-għajnejn imbexxqa,
iva u le, iva
u le, u mill-ġdid
le, u mill-ġdid
iva, sakemm bejn Xilla u Karibdi
id-dgħajsa bil-merċa b'kollox
taħbat mad-dentatura ta' skoll
iċċaqqam il-prim,
taħbat man-nejbiet ta' skoll
ixaqqu l-buq,
taħbat mad-dras ta' skoll
iċarrtu l-gverta,
u fost il-ħluq imberrħa,
il-gverta tad-dgħajsa miġbuda 'l fuq
bħall-għatu ta' landa sardin.

Fuq wara tal-gverta, żagħżugħ
wiċċu ’l isfel, itiegħem żaqq il-baħar
għall-ewwel darba,
iġebbed driegħu ħa jfittex
ma’ xiex jiggranfa –
ma jilħaqx l-id tittawwal
tat-tfajla t’Itaka,
ma jilħaqx il-ħabel jinfetaq
fit-tarf tal-Italja,
’il bogħod wisq il-kopp tal-Istrija,
’il bogħod wisq il-ħuta ta’ Venezja,
’il bogħod wisq għonq iċ-ċikonja
togħdos għall-ħuta.
Onfoħ, riħ, fuq il-baħar rasu iebsa,
onfoħ fuq il-mewġ ħalli jimsaħ il-musbieħ!





Riħ l-art. Tromba mill-oċean
tonfoħ fiż-żennuna,
minn taħt il-kuperċ tal-musbieħ
joqmos, jixxabbat,
jissara kif jista' biex jofqos
il-ġinni tal-mantar blu.
Bit-troffa tad-daqna mqanfda,
huwa u jitqabad, ma jinqalax sħiħ,
wisq anqas qawwi,
żaqqu weħlet, driegħ minnhom
baqa' ġewwa wkoll.
Fuq rasu feż skarlat, għadu jiħmar
minn tarf u ieħor,
warajh, il-ġummiena tperper
bejn il-piramidi,
ix-xniexel jgħarrxu
għall-għejun mistura tan-Nil.

Dgħajjef, batut, magħlub wisq
biex jaqta' xewqa,
aħseb u ara tlieta, aħseb
u ara xewqa għal kull kontinent,
aħseb u ara għad-dgħajjes
maqbudin fil-kurrenti ta' bejniethom.
Bis-swaba' ta' Pelops m'għonqu,
bi lsienu miġbud lura,
għajnu demgħa waħda
li m'hemmx li taqa' –
anki li kieku kellu s-saħħa,
jedd m'għandux
biex jerġa' jqajjem il-mejtin,
u lanqas biex iroxx
il-melħ tal-imħabba
fi qlub il-ħajjin.





Lura fir-riħ isfel, sielem,
sieber, nieżel
bil-lajma, nieżel
f'nagħsa tan-nir,
katavru mixrub, imxaħxaħ,
fi triqtu lejn id-dirgħajn miftuħa
ta' niesu tistennieh.
Kif imiss bi rtubija l-fond,
jimtedd f'qagħda fetali.
Huwa u jtiegħem l-imluħ tal-qedem,
fil-ħofra ta' wara rkopptu
ġa waslu l-krustaċji tal-qiegħ,
tul il-ħnejja tal-pexxul
jirpoża ż-żuplankton.

Tiela' minn fost il-qroll,
nifs iż-żagħżugħ, għasfur kaħlani,
imattar ġwinħajh
u jaqdef lejn l-abjad tad-dawl
ħa jerġa' jinħall fir-riħ.
Kif jilħaq dliel l-imrieżaq,
rixu jixxeblek fix-xbiek.
Minn Gaża sa Ġibilterra,
l-għasfur baqa' hemm,
imsallab fuq ir-ragħwa,
ġwinħajh imtektka,
wiċċu 'l fuq, denbu jaqbad,
it-takkuna tal-Ewropa
nieżla f'munqaru twil.
Mewweġ mewweġ taħt ix-xbiek,
mid-dija għad-dell, mid-dell għad-dija,
bit-togħma rqiqa taż-żebbuġ
toqtor ġol-ħawsla,
fuq żaqqu, kaħlija ċkejkna
tħokk ma' rixu, nofsha storduta,
tgerrem għoqda tal-malja.



www.antoinecassar.info

George Philip & Son, Ltd. The Times